**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Justine Grech)**

**Vs**

**KYLE GALEA**

**Illum, 5 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Kyle Galea** ta' sitta u ghoxrin (26) sena iben Brian u Lorenza nee Ellul imwieled il-Pieta nhar l-4 ta' Gunju 1995 residenti 40, Ave Maria, Triq San Filippu, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 248595M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Gunju 2021 u fix-xhur ta' qabel din id-data;

1. Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,
3. Aktar talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru 2021 u fix-xhur ta' qabel din id-data ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur ta' artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti nkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) data 28 ta' Frar 2022;

Semghet lix-xhieda jiddeponu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Maltapost jidher li rcevew pakkett zghir mill-Olanda ndirizzat lil qua imputat, Kyle Galea, Triq San Filippu, 40, Ave Maria, Ghaxaq, GXQ2107 li kien jidher suspettuz. Wara li gie mghoddi mill-iscanner infetah l-imsemmi pakkett fejn irrizulta li kien kontinenti zerriegha tal-Cannabis. Dan il-pakkett inghadda lill-pulizija ghall-izjed investigazzjonijiet fit-2 ta' Gunju 2021. In segwietu ghal dan il-pulizija ottjenaw mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat fejn fir-residenza tieghu sabu kontenitur li kien fih mal-erbgha u ghoxrin gramma cannabis grass, crusher, electronic scale u grow-tent li go fiha kien hemm tlett pjanti tal-cannabis kull wahda mhux itwal minn 2cm. Tfittxija fil-vettura tieghu rrizultat fin-negattiv. L-imputat gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjonijiet. Hemm hekk huwa rrillaxxa stqarrija fejn ikkonferma li dawn is-sustanzi u l-pjanti kienu intizi esklussivament ghall-uzu personali tieghu.

Illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2022, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar in-natura u l-ammont tas-sustanza involuta.

Illi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat tirrigwarda l-importazzjoni taz-zerriegha tal-cannabis grass.

Illi din l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi ntrodotti ghad-definizzjoni tal-kelma 'Cannabis' f'Dicembru tas-sena 2021 permezz tal-Att LXVI:

> *"Cannabis" tfisser il-fjoritura u l-weraq ta' kwalunkwe pjanta tal-ġenus kannabis u tinkludi kwalunkwe raża tal-istess pjanta u kwalunkwe preparazzjoni maħruġa mill-istess pjanta, <u>iżda ma tinkludix iż-żerriegħa tagħha</u>, jew prodotti tal-kannabinojdi li majkunx fihom iktar minn żero punt tnejn (0.2) fil-mija ta'tetrahydrocannabinoil (THC)*; (Emfazi ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant iz-zerriegha tal-Cannabis illum ma ghadiex kolpita mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux meqjusa illegali.

Permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'pussess semplici tal-pjanta cannabis u b'koltivazzjoni tal-pjanta cannabis ghall-fatti li sehhew f'Gunju 2021. Illi permezz tal-istess emendi gie introdott ukoll l-artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula:

*"(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena,fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizzta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali kultivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:*

*Iżda:*

*(a) tali kultivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;*

*(b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:*

*Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontral-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma."* (Emfazi ta' dina l-Qorti).

Illi l-imputat, li ghandu 'l fuq minn tmintax-il sena kien qed izomm fir-residenza tieghu, senjatament fil-kamra tas-sodda tieghu, tlett pjanti zghar (kull wahda mhux iktar minn zewg centimetri). Flimkien mal-istess pjanti, l-imputat instab fil-pussess ta' madwar erbgha u ghoxrin gramma cannabis grass li kienu mizmuma gewwa kontenitur fl-istess kamra tas-sodda. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li kemm l-cannabis grass kif ukoll il-pjanti kienu intizi unikament u esklusivament ghall-uzu personali tal-imputat. Ghaldaqstant il-fatti mertu tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat bis-sahha tal-artikolu 7 tal-Kap. 537 illum ukoll ma ghadhomx meqjusa illegali.

Konsegwentament fil-kaz in dezamina (b'referenza ghat-tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-qua imputat), din il-Qorti hija affaccjata b'fatti u cirkostanzi li ghalkemm f'Gunju 2021 kienu jikkostitwixxu reat, illum bis-sahha tal-emendi hawn fuq imsemmija ma ghadhomx hekk ikkunsidrati. F'dan ir-rigward, l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

*(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
*(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem****."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi u galadarba r-reati li bihom il-qua imputat gie akkuzat illum gew abbrogati, qeghda tastjeni milli tieghu iktar konjizzjoni tal-imsemmija imputazzjonijiet.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**